Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 887/2011

tal-5 ta' Settembru 2011

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Evonik Nutrition & Care GmbH ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 229, 6.9.2011, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/173 tal-1 ta' Frar 2017	L 28	5	2.2.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 887/2011

tal-5 ta' Settembru 2011

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Evonik Nutrition & Care GmbH ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg tal-oġġett tal-għalf komplet għall-bhejjem b'kontenut ta' meraq ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabbilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana									
4b1713	►M1 Evonik Nutrition & Care GmbH ◄	*Enterococcus faecium* CECT 4515	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 li jkollha minimu ta' 1×10^9 CFU/g ta' addittiv *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* *Enterococcus faecium* CECT 4515 *Metodu tal-Analiżi* (1) L-enumerazzjoni: metodu tat-tifrix li juża bile esculin azide agar (EN 15788) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)	Tiġieġ għat-tismin	—	1×10^9	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet ta' qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting 2. L-użu huwa permess f'għalf li fih wieħed mill-koċċidijosi awtorizzati: sodju tal-monensin, diklarużil, nikarbażin, dekokwinat, idrokloridu tar-robenidin, sodju tas-semduramiċin, narasin, sodju tas-salinomiċin, sodju tal-lasaloċidu, ammonju tan-narasin/nikarbażinjew maduramiċin 3. Għas-sigurtà: għandha tintuża protezzjoni għar-respirazzjoni matul l-immaniġġjar	is-26 ta' Settembru 2021

(1) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx